MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1328/2003

**Computer Evolution Centre Ltd**

**Vs**

**Godwin Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Dicembru, 2003, li in forza taghha, wara li esponiet illi s-socjeta' attrici xtrat minghand il-konvenut diversi *digital cameras* tad-ditta Minolta ghall-prezz ta' tlettax-il elf Lira Maltin (LM13,000);

Ippremettiet illi wara li dawn id-*digital cameras* gew ikkonsenjati u mhallsa fil-prezz intier taghhom mis-socjeta' attrici lill-konvenut irrizulta illi dawn kienu misruqin u ghalhekk ma kienux kummercjabbli;

Ippremettiet illi rapprezentanti tas-socjeta' attrici gew avvicinati mill-Pulizija ta' Malta sabiex jikkonsenjaw dawn id-*digital cameras* lill-istess Pulizija peress li jirrizultaw misruqin;

Ippremettiet illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li kien jaf li kienu misruqin;

Ippremettiet li s-socjeta' attrici soffriet danni ta' tlettax-il elf Lira Maltin (LM13,000) rapprezentanti il-prezz li hallas ghad-*digital cameras*;

Ippremettiet illi l-konvenut gja gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti.

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici biex l-istess konvenut ighid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-bejgh ta' l-oggetti meritu tal-kawza huwa null u bla effett stante li l-kunsens ta' l-attur gie ottenut b'qerq adoperat mill-konvenut billi kkonsenja lill-attur oggetti misruqa.

2. Tannulla l-imsemmi bejgh *stante* li l-konvenut ikkonkluda l-bejgh fuq qerq u ngann.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlettax-il elf Lira Maltin (LM13,000) rapprezentanti prezz ta' merkanzija li giet mibjugha lis-socjeta' attrici b'mod frawdolenti mill-konvenut liema merkanzija kienet misruqa u mhux kummercjabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' sekwestru numru 2093/03 kontra l-istess konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien previst mill-ligi;

Rat illi l-konvenut ipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu fil-5 ta’ Marzu, 2004, tmienja u ghoxrin jum wara li kien gie notifikat bl-att tac-citazzjoni;

Rat it-talba tas-socjeta’ attrici rregistrata fl-udjenza tal-5 ta’ Marzu, 2004, fejn talbet l-isfilz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba imressqa kontestwalment peress li gew ppresentati *fuori termine*;

Semghet lill-konvenut in konnessjoni ma’ dan l-incident;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta’ attrici ivverbalizzata fl-udjenza tal-5 ta’ Marzu, 2004;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta mhux kontestat li l-konvenut kien gie notifikat bl-att tac-citazzjoni fis-6 ta’ Frar, 2004 u dan billi kopja ta’ l-att thalla f’idejn martu, Lilian. Din in-notifika hija valida fit-termini tal-ligi (artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u, fil-fatt, il- konvenut mhux qed jallega li l-att tac-citazzjoni ma kienx gie moghti lilu minn martu; hu jghid li meta l-att tal-Qorti gie konsenjat lilu, hu hallieh id-dar, sakemm eventwalment mar ifittex avukat u kellem lil Dr Chris Cardona. Il-konvenut xehed li f’Awissu tas-sena l-ohra hu nstab li kellu *cancer,* u minhabba dan htieglu li jitla’ l-Ingilterra ta’ spiss ghall-kura. Hu jghid ukoll li n-negozju tieghu jinvolvih ukoll billi jitla’ regolarment sa’ l-Ingilterra sabiex, minn hemm, igib lura mieghu diversi prodotti biex jinnegozjhom Malta. Il-konvenut jghid li ma ressaqx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet fil-hin peress li kellu jsiefer ghall-kura.

Irrizulta, pero’, li l-konvenut ircieva l-att tac-citazzjoni fis-6 ta’ Frar, 2004, izda siefer tlettax-il jum wara, u precisament fid-19 ta’ Frar, 2004, u gie lura Malta fl-24 ta’ l-istess xahar. Il-konvenut jghid li l-marda li ntqal li ghandu fixklitu fil-hsieb tieghu.

Il-Qorti tinnota, pero', li l-konvenut ma giex infurmat bil-marda li kellu fil-jiem tan-notifika, meta, forsi, wiehed jistenna l-ahbar bhal dik tfixkel il-hsieb ta' dak li jkun; hu gie infurmat bil-marda madwar sitt xhur qabel ma ircieva l-att tac-citazzjoni, u ma giex muri li l-ahbar ta' din il-marda kienet halliet fuq il-konvenut effett hekk qawwi u fit-tul, li anke sitt xhur wara, il-konvenut ma kienx jaf x'inhu jaghmel; prova medika f'dan is-sens ma ngabetx. Inoltre, ma jirrizultax li wara din l-ahbar il-konvenut waqaf fin-negozju tieghu u meta xehed quddiem din il-Qorti ma tax impressjoni li ma kellux kontroll tal-menti tieghu. Il-Qorti tissimpatizza mal-konvenut f'dan il-mument ta' hajtu, izda l-obbligi tieghu lejn il-Qorti u lejn il-gustizzja kellhom xorta jigu onorati kif trid il-ligi. Ma jirrizultax li, wara l-ahbar tal-marda, huwa waqa' f'*depression* jew heba lilu nnifsu min-nies qiesu ried jahrab id-dinja; hu stqarr car u tond li l-karta hallieha tigri d-dar sakemm, meta gie mis-safar, mar ifittex avukat. Il-konvenut kellu tlettax-il gurnata qabel ma siefer biex isib avukat (li mhux daqshekk difficcli hawn Malta!), izda ma tax kaz tad-doveri tieghu taht il-ligi, u halla l-karta tigri d-dar.

Il-Qrati taghna f'dawn l-ahhar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni taghhom biex jakkordaw lill-konvenut kontumaci il-fakolta' li jipprezentaw id-difiza taghhom. Per ezempju fil-kawza "Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb" deciza fis-27 ta' Frar, 1995 din il-Qorti elenkat numru ta' regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma;

1. Il-kontumacja ma tistax tigi gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Anqas tista' tigi skuzata jekk almenu kolpuza (ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet "Cilia vs Farrugia" (Appell Inferjuri) 29 ta' Novembru, 1958)

3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci.

6. L-izball mhux impediment legittimu jkun ma jkunx invincibbli.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*.

8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta' gravi biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandu jkun fiziku u eccezjonalment biss tista' tkun morali.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz, pero', ma jirrizultax li l-konvenut kellu xi impediment fiziku jew xi raguni ohra impellenti li kienet izommu lura milli jkellem avukat qabel ma jsiefer. Il-konvenut kien negligenti ghall-ahhar li ma tax kaz l-atti li rceva ghas-semplici raguni li ma kellux mohh. Filwaqt li l-Qorti tista' tacetta li kien marid, certament ma kienx impedut milli jikkawtela l-interessi tieghu fir-rigward. L-izball tal-konvenut, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Vella vs Xuereb" , deciza fit-12 ta' Frar, 1999, irid ikun wiehed "invincibbli", u fin-nuqqas, il-konvenut ma jitqies li jkun iggustifika l-kontumacja tieghu.

Fil-kawza "Mizzi vs Navarro", decisa mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar, 1986, kien irrizulta li l-konvenut kien marad ghaxart ijiem wara li rcieva c-citazzjoni, *cio non ostante*, il-Qorti qalet li l-konvenut ma ggustifikax l-kontumacia ghax kien halla dawk l-ghaxar t'ijiem jghaddu ghalxejn. F'dan il-kaz il-konvenut kien jaf li kien sejjer isiefer, pero', halla tlettax-il gurnata jghaddu ghalxejn, u kwindi l-kontumacja tieghu hija kolpuza u mhux gustifikabbli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-materja, billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tordna li n-nota ta' l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba imressqa mill-

konvenut tardivament jigu sfilzati mill-process, u tqis li l-konvenut huwa kontumaci f'dan il-process.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------